# Il-Kampnar ta' William Baker – Gudja



Kienet għall-habta ta' l-1856 meta n-nies tal-Gudja tħajjru li jneħħu l-kampnar l-antik li kien jinsab quddiem fil-faċċata l-antika tal-Knisja tagħhom, u minfloku jtellgħu ieħor fuq wara tal-Knisja sewwa sew in-naħa tal-Kappellun tas-Sagrament.

Għalhekk kellmu lil Mastru Pepp Zammit [1] biex igħid lil William Baker [2] u jagħmlilhom disinn xieraq għal dan il-kampnar.

Baker aċċetta l-istedina u ħa pjaċir ħafna tant li offra l-pjanta b'xejn bil-kundizzjoni li jkun jaf ix-xogħol tiegħu f'idejn min ser ikun fdat.

In-nies tar-raħal kellhom fiduċja sħiħa fil-kapaċità tal-famuż Mastru Rosario Formosa li kien renomat fix-xogħol ta' skultura, injam, ħadid mekkanika, għalhekk malli tarrfulu kelma fuq din l-idea, tat-tmexxija tax-xogħol fuq il-kampnar, Mastru Formosa ma qalx le.

Għalhekk flimkien ma' Mastru Pepp, Mastru Rosar mar għand l-Inġinier Baker biex jittestja x-xogħol u jara f'idejn min kien ser ikun.

F'dan ir-rigward, Mastru Pepp Zammit kellu jagħmilha ta' interpretu, minħabba li sieħbu Mastru Formosa ma tantx kien jinqala' għal-lingwa Ingliża.

Baker ippreżenta (taparsi) pjanta disinn lil Formosa li dan malli raha mill-ewwel kemmex xufftejh u qal lil Zammit biex igħid lill-Inġinier li dan ma kienx disinn ta' inġinier, imma aktar kien logħob tat-tfal; Baker qabad jidħaq u fil-pront ippreżenta d-disinn li hemm imwaqqaf illum.

Din id-darba Formosa għoġbu ħafna; wara li tkellmu xi ftit fuq is-sengħa ta' l-Arkitettura, iż-żewġ mastranġi, flimkien ma' l-Inġinier, sellmu lil xulxin, irringrazzjawh u nfirdu.

Ġiet sponuta l-pjanta fil-Knisja li mhux biss intogħoġbot min-nies tas-sengħa li kien hemm dak iż-żmien fir-raħal, imma mir-raħħlin kollha in ġenerali.

Mastru Rożar Formosa sejjaħ lil tnejn mill-aqwa bennejja li kien hemm fir-raħal dak iż-żmien, l-Imgħallem Anġlu Sacco u lill-Imgħallem Peppi Caruana biex jafda

f'idejhom dak ix-xogħol, hekk famuż, hekk majestuż – u hekk fil-Ħdud u l-Festi u wara x-xogħol, beda tiela' l-kampnar.

Jiddispjaċina li ma nafux kemm kienu jitħallsu l-imgħallmin tagħna. Li nafu hu li kont tara ħafna nies tar-raħal imiddu għonqhom għax-xogħol b'żelu kbir u b'kontribuzzjonijiet biex ġurnata jaraw dik l-opra unika fil-gżira, imwettqa u mitmuma.

Kien sentejn wara din il-ġrajja li qed tisimgħu meta l-poplu attenda bi ħġaru biex jara t-tqegħid tas-salib fuq dan il-famuż kampnar, quddiem l-Isqof Gaetano Pace Forno, Mastru Formosa u Mastru Zammit.

B'hekk twettqet opra arkitettonika oħra li tixhed iż-żelu u l-qalb ġeneruża tar-raħħlin li lesti juru bi kwalunkwe mod u manjiera l-imħabba tagħhom lejn id-dar ta' Alla u ta' MARIA ASSUNTA.

Għalhekk ġiet imwaħħla lapida ma' l-istess kampnar li tgħid:–

**PIA GENS HVIVS PACI SAGRAM HANC TURRIM SUO AERE ET OPERE AEDIFICAVIT ANNO M.DCCCLX GULIELMO BAKER ARCHITECTO.**

*(In-nies tajba ta' dan ir-raħal bnew dan it-torri qaddis minn flushom u b'xogħolhom AD 1860 taħt Gulielmu Baker Perit.)*

Ta' min isemmi li dan il-Kampnar jagħti għoli ta' mija u żewġ piedi mill-pedament sal-pedestall tas-salib.

Fl-ewwel ordni tiegħu li jerfa' mill-Bieb sa l-ewwel gwarniċa, insibu l-ewwel arloġġ li qatt ħadem għall-knejjes l-imsemmi Mikiel Anġ Sapiano [3].

Fl-aperturi tat-tieni ordni TOSCAN li jitla' mill-ewwel gwarniċa sal-gallerija fejn insibu żewġ anġli maestużi b'ħarsithom fissa u b'idejhom imsallbin fuq sidirhom, insibu sett ta' qniepen maħdumin fl-1860 f'Londra mid-Ditta "John Warner and Sons" li bl-intonar u l-armonija tagħhom jgħaxxqu mhux biss lin-nies tar-raħal imma anke lill-oħrajn ta' rħula ġirien.

Fl-aħħar jitla' l-aħħar Ordni IONICO f'għamla ta' tempju żgħir, tond u eleganti li jibqa' tiela' sal-quċċata fejn hemm is-salib imwaħħal fuq il-pedestall b'żewġ anġli għarkubbtejhom ma' ġenbu.

# NOTI

1) Mastru Pepp Zammit kien jaħdem bħala Foreman ma' l-Inġinier William Baker.
2) William Baker kien Inġinier minn Londra li kien ġabu l-Gvern Ingliż biex jagħmel xogħol fit-Teatru Rjal u fil-proġett tal-Kottonera.
3) Mikiel Anġ Sapiano kien mgħallem magħruf għall-mekkanika u arloġġar famuż imwieled fl-Imqabba u joqgħod Ħal Luqa (Ara Pronostiku Malti 1986).

*MARIO MANGION*

**Filwaqt li nirringrazzjaw lill-benefatturi kollha, inwiegħduhom it-talb tagħna ta' kuljum fil-quddiesa li hija kemm għal dawk ħajjin kif ukoll għal dawk mejtin.**